**24. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor Eddie Fenech Adami, ressaq din l-emenda għall-mozzjoni tal-Onor Joseph Abela:-**

Żid wara l-kliem tal-mozzjoni il-paragrafi li ġejjin:

"Il-Kamra, iżda:

1. tinnota bi tħassib li fid-diskors mhux biss ma ngħata ebda ħjiel, iżda lanqas biss hemm kelma waħda, fuq il-politika tal-Gvern dwar ix-xogħol, pagi u kondizzjonijiet tax-xogħol;

2. tinnota wkoll illi l-pajjiż kien laħaq sitwazzjoni ta' *full employment* li kienet il-mira ewlenija tal-Gvern ta' qabel, bin-numru ta' nies jaħdmu jiżdied minn sena għall-oħra tul l-aħħar għaxar snin u bil-qliegħ u l-kondizzjonijiet tax-xogħol jitjiebu minn sena għal sena;

3. tqis li l-fiduċja fil-pajjiż se tkompli tonqos wara d-diskors billi:

(a) ma hemm fih ebda dikjarazzjoni dwar x'se jsir mit-talba ta' Malta biex tissieħeb fl-Unjoni Ewropea;

(b) ma hemm ebda deċiżjoni dwar is-sistema ġdida ta' tassazzjoni li l-Gvern irid idaħħal jekk titneħħa l-VAT;

(c) jidher li l-Gvern se jtemm ħesrem proġetti ta' fejda għall-pajjiż, fosthom il-bini ta' sptar ġdid;

(d) ma jingħad xejn dwar il-proċess ta' riforma fis-servizz pubbliku li diġa' wassal għal titjib sostanzjali fil-pagi u kondizzjonijiet ta' xogħol kif ukoll fl-effiċjenza;

4. hija tal-fehma li d-diskors ma għamel xejn biex titnaqqas l-inċertezza li nħolqot fil-pajjiż bir-riżultat ta' l-elezzjoni;

5. tappella lill-Gvern biex ma jibqax jimxi bil-politika dikjarata li ma jagħmel xejn li jtellfu l-voti, iżda jimxi b'politika serja li tiżgura li l-pajjiż jibqa' miexi b'ritmu ta' żvilupp li jiggarantixxi x-xogħol u titjib kontinwu fil-livell ta' l-għajxien u l-kwalita' tal-ħajja tal-poplu kollu u b'hekk ħadd ma jibqa' lura.

09.12.96